MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Numru. 224/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Clyde Mizzi**
**Kurt Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra **Clyde Mizzi** ta' 21 sena, bin Franky u Phyllis nee' Mifsud, imwieled Pieta`, nhar it-30 ta' Novembru 1990, residenti Sunshine Flat 4, Triq Wied Glavan, Xghajra u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 568290M

u

**Kurt Cachia** ta' 18-il sena, iben John u Doreen sive Dolores nee' Agius, imwieled Pieta` nhar il-15 ta' Frar 1993, residenti Nru.34, Flat 4, Triq Sant' Anflu, Isla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 98593M

Akkuzati talli waqt li kienu fl-inhawi ta' Senglea, nhar is-17 ta' Mejju 2011 u jew fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer u fi bnadi differenti u f'hinijiet differenti:

1. Kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba u jergghu lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati u l-fedina penali taghhom li hi wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument FS, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------